MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 151/2003

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
Vs

Oreste Callus

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-15 t'April, 2003 fil-Furjana :

1) volontarjament kiser il-paci pubblika w il-bon ordni b'ghajjat;
2) bil-kliem insultenta lil Dr. D. Damian von Schembri BA LL.D;
3) hebb ghall-imsemmi Dr. D. Damian von Schembri BA LL.D sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

4) bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Dr. D. Damina von Schembri BA., LL.D, wegghu bi kliem, b’gesti jew b’mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Lulju, 2003 li biha, wara li rat il-provvedimenti tal-Art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-4 t’Awissu 2003, li bih talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f’dawn l-akkuzi, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza w decizjoni.

Fliet l-atti processwali ;

Rat il-verbal maghmul fis-seduta tal-lum fejn il-Qorti “ex officio” ssollevat il-pregudizzjali tal-irritwalita’ w nullita’ tal-appell intavolat mill-Avukat Generali stante li din kawza li bdiet bil-kwerela tal-parti leza datata 17 t’ April, 2003 (fol. 7) u ghalhekk kellha titmexxa mill-istess parti leza w mhux mill-Pulizija Ezekuttiva w anki l-occhio tal-kawza kellu jkun differenti minn dak indikat kemm fis-sentenza appellata kif ukoll fir-rikors tal-appell u l-istess appell kellu jigi ntavolat mill-kwerelant u mhux mill-Avukat Generali.

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tal-lum stess.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat ;

Illi kif jidher mill-atti processwali , din il-kawza bdiet fuq istanza privata tal-kwerelant Dr. Damian Damian Von Schembri LL.D. li bi kwerela datata 17 t’ April, 2003, (fol. 7) kiteb lill-Ispettur fl-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta u talbu jiehu passi kontra l-appellat .Din l-ittra giet segwita b’ittra ohra tal-21 t’ April, 2003 (Fol. 6) fejn il-kwerelant

rega’ kkonferma l-ismijiet u l-indirizzi tax-xhieda li xtaq li jitharrku . Illi sussegwentement il-kwerelant kien ukoll ipprezenta rikors , sija pure bl-occhio ukoll zbaljat fejn talab differiment ghax l-Avukat tieghu kien ser ikun imsiefer fid-data tal-ewwel udjenza quddiem l-Ewwel Qorti F’dan ir-rikors hu ddeskriva ruhu bhala “l-KWERELAT” (recte kwerelant) . Meta fl-ewwel udjenza il-kwerelant ma deherx , il-Qorti , b’verbal tas-17 ta’ Lulju, 2003 (Fol. 4) , wara li kkonstatat li “B’riferenza ghar-rikors tal-KWERELANTI (EMFASI TA’ DIN IL-Qorti) , l-imputat debitament assistit jopponi ghad-differiment “ , cahdet it-talba kontenuta fl-istess rikors u wara li vverbalizzat li “Il-KWERELANT debitament notifikat imsejjah tlett (3) darbiet ma deherx biex jikkonferma l-KWERELA (emfasi ta’ din il-Qorti) ghaddiet biex tat sentenza fejn lliberat lill-appellat "fin-nuqqas ta’ dehra tal-KWERELANTI”, kif kellha kull dritt li taghmel skond l-Artikolu 374 (d) tal-Kap. 9.

Illi dawn il-fatti ma jhallu ebda dubju li l-Ewwel Qorti gustament kienet ittrattat il-kawza bhala wahda popolarment maghrufa bhala “kawza privata” bejn il-kwerelant u l-kwerelat appellat u f’kawzi simili hu l-kwerelant li jista’ jappella skond l-artikolu 413 (b) , 373 u 370 (1) tal-Kodici Kriminali w mhux l-Avukat Generali trattandosi ta’ reati ta’ natura kontravvenzjonali w ta’ ingurji .

Ghalhekk apparti li l-okkju tal-kawza fir-rikors tal-Avukat Generali ma hux korrett – haga li pero’ setghet skond il-gurisprudenza tigi korretta, jibqa’ l-fatt li f’dan il-kaz id-dritt t’ appell kien vestit fil-kwerelant Dr. Damian Damian Von Schembri LL.D. u mhux fl-Avukat Generali .

Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell irritu w null u tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------